Is-Servizz taċ-Childcare Mingħajr Ħlas: 2025

NR 210/2026 | L-Edukazzjoni | Data tal-Ħruġ: **18/11/2026**

AQSAM

Home / L-Edukazzjoni / Is-Servizz taċ-Childcare Mingħajr Ħlas: 2025

Abbona għall-aħħar aħbarijiet

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

Il-Punti ewlenin

- Fl-2025, 207 ċentri għall-ħarsien tat-tfal kienu qegħdin joperaw fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas. B'kollox, huma kellhom liċenzja għal 8,609t itfal.
- B'kollox, 9,461 tifel u tifla attendew ċ-childcare mingħajr ħlas f'xi punt waqt l-2025, żieda ta' 2.0 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.
- L-attendenza medja fix-xahar għal kull tifel u tifla kienet l-ogħla f'Ottubru, b'126.7 siegħa, u l-aktar baxxa f'Diċembru, b'85.6 siegħa. Dawn iċ-ċifri jkopru biss attendenza fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas, u jeskludu sigħat imħallsin.

Il-Kummentarju

Matul l-2025, 9,461 tifel u tifla għamlu użu mill-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas f'207 ċentri rreġistrati għall-ħarsien tat-tfal.

Iċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal

Kienu 207 ċentri rreġistrati għall-ħarsien tat-tfal li kienu qegħdin joperaw fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas matul l-2025. B'kollox, dawn iċ-ċentri kellhom liċenzja biex iżommu 8,609t itfal. Meta mqabbel mal-2024, dan huwa żieda ta' 6.2 fil-mija fl-għadd ta' ċentri u 5.5 fil-mija fl-ammont massimu ta' tfal li huma liċenzjati biex iżommu. Aktar minn nofs iċ-ċentri kienu qegħdin fl-inħawi tal-port, b'36.7 fil-mija fit-Tramuntana tal-Port u 21.7 fil-mija fin-Nofsinhar tal-Port. F'Għawdex kien hemm l-inqas għadd ta' ċentri għall-ħarsien tat-tfal irreġistrati fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas, li kienu jammontaw għal 2.4 fil-mija tat-total fl-2025 (Tabella 1).

Il-biċċa l-kbira taċ-ċentri kellhom kapaċità ta' daqs medju u kienu jesgħu bejn 30 u 59 tifel u tifla (44.4 fil-mija), filwaqt li 38.6 fil-mija oħra kienu kklassifikati bħala żgħar, b'liċenzja għal inqas minn 30. It-tqassim taċ-ċentri skont id-daqs baqa' konsistenti meta mqabbel mal-2024. Fl-2025, l-għadd taċ-ċentri privati taċ-childcare kien akbar minn ta' dawk immexxijin mill-istat, bi 93.2 fil-mija taċ-ċentri kollha fl-iskema ikunu tal-privat. Madankollu, bħala kapaċità, iċ-ċentri mmexxijin mill-istat kienu akbar minn ċentri privati b'kapaċità medja ta' 70.6 meta mqabblin ma' 39.5 (Tabelli 1 u 2).

Ċart nru 1. L-għadd ta' ċentri għall-ħarsien tat-tfal bil-kapaċità liċenzjata



Noti:

1. Ir-riżultati mogħtijin jikkonċernaw ċentri li kienu rreġistrati fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas u li kienu miftuħin għal mill-inqas jum wieħed matul is-sena ta' riferenza. Dan mhux bilfors ifisser li ċ-ċentri kollha kienu miftuħin matul is-sena ta' riferenza kollha.
2. Għat-tifsiriet tal-kapaċità liċenzjata, il-kapaċità medja u t-tip ta' ċentru ara nota nru 8 fil-metodoloġija.

It-tfal li kienu qegħdin imorru ċ-ċentri taċ-childcare

Fl-2025, kien hemm b'kollox 9,461 tifel u tifla jattendu ċentri għall-ħarsien tat-tfal fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas, żieda ta' 2.0 fil-mija fuq is-sena ta' qabel. Ftit aktar minn nofs it-tfal kienu subien (51.6 fil-mija). F'dik li hija età fi tmiem is-sena ta' riferenza, l-akbar għadd ta' tfal kellhom sentejn (34.0 fil-mija), segwiti minn tfal ta' tliet snin (31.6 fil-mija). L-iżgħar għadd ta' tfal kien ta' inqas minn sena (7.4 fil-mija). It-tqassim sħiħ skont l-etajiet baqa' konsistenti meta mqabbel mal-2024. Il-biċċa l-kbira tat-tfal li bbenefikaw mill-iskema ta' childcare mingħajr ħlas fl-2025 attendew ċentri privati (94.7 fil-mija), simili għal dak fl-2024 (95.3 fil-mija) (Tabelli nri 3 u 4).

Fejn għandha x'taqsam iċ-ċittadinanza, il-biċċa l-kbira tat-tfal li attendew iċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal fl-iskema taċ-childcare mingħajr ħlas fl-2025 kienu Maltin (73.4 fil-mija). 8.9 fil-mija tat-tfal li attendew iċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal kienu ċittadini oħra tal-UE, filwaqt li 17.7 fil-mija oħra kienu ċittadini mhux tal-UE (Tabelli nri 4 u 5).

Fl-2025, l-akbar għadd ta' tfal li attendew iċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal fl-iskema kienu joqogħdu fid-distrett tat-Tramuntana tal-Port (26.9 fil-mija). Warajhom kien hemm dawk mid-distrett tat-Tramuntana (21.9 fil-mija) (Tabella nru 4, Mappa nru 1).

Mappa nru 1. L-għadd ta' tfal li attendew ċentru għall-ħarsien tat-tfal bil-lokalità ta' residenza: 2025



Mhux it-tfal kollha attendew ċentri għall-ħarsien tat-tfal fl-istess distrett ta' fejn kienu joqogħdu. L-akbar għadd ta' tfal li marru fl-istess distrett ta' fejn joqogħdu kien f'Għawdex (98.2 fil-mija). Warajhom kien hemm dawk li joqogħdu fit-Tramuntana tal-Port (89.0 fil-mija). Min-naħa l-oħra, 57.1 fil-mija biss ta' dawk li joqogħdu fid-distrett tax-Xlokk attendew ċentri għall-ħarsien tat-tfal fl-istess distrett. Barra minn hekk, 29.0 fil-mija ta' dawk li kienu joqogħdu fid-distrett tax-Xlokk marru ċentri għall-ħarsien tat-tfal fid-distrett ġar tan-Nofsinhar tal-Port (Tabella nru 6, Mapep nri 1 u 2).

Mappa nru 2. L-għadd ta' tfal li attendew ċentru għall-ħarsien tat-tfal bil-lokalità taċ-ċentru: 2025



Nota: F'każ meta t-tfal ikunu attendew aktar minn ċentru għall-ħarsien tat-tfal wieħed matul is-sena, titqies il-lokalità taċ-ċentru fejn huma jkunu qattgħu l-akbar numru ta' sigħat.

L-attendenza fiċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal

L-attendenza tista' tkun ikklassifikata bħala ta' intensità għolja jew baxxa meta jitqiesu l-għadd ta' sigħat kuljum u l-għadd ta' jiem ta' attendenza fis-sena. Il-biċċa l-kbira tat-tfal kienu kklassifikati bħala tfal b'użu ta' intensità għolja (66.5 fil-mija). Dan ifisser li jkunu qabżu l-limitu ta' sagħtejn kuljum għal 100 jum f'sena. L-għadd ta' tfal ikklassifikati fil-kategorija ta' intensità għolja żdied b'5.2 fil-mija meta mqabbel mal-2024 (Tabella nru 7).

Fl-2025, 43.5 fil-mija tat-tfal fiċ-childcare b'xejn kienu qed jużaw is-servizz b'medja ta' 20-29 siegħa fil-ġimgħa u 32.2 fil-mija oħra kienu qed jużaw is-servizz b'medja ta' 30-39 siegħa fil-ġimgħa. Fl-2025, 79.1 fil-mija tat-tfal Maltin u 89.6 fil-mija tat-tfal mhux Maltin li jattendu ċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal attendew b'medja ta' 20 siegħa jew aktar fil-ġimgħa (Tabelli nri 8 u 9, Ċart nru 2).

Nota: Għal aktar tagħrif dwar il-kalkolu tas-sigħat medji fil-ġimgħa mqattgħin fiċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal, ara nota nru 8 fil-metodoloġija.

Matul is-sena ta' riferenza, l-għadd ta' tfal li marru ċ-ċentri għall-ħarsien tat-tfal kien l-akbar f'Settembru (7,264) u l-iżgħar fi Frar (5,831). L-attendenza medja għal kull tifel u tifla laħqet il-quċċata tagħha f'Ottubru b'126.7 siegħa u kienet l-inqas waħda f'Diċembru b'85.6 siegħa. Ix-xejriet ta' kull xahar kienu konsistenti ma' dawk li dehru fl-2024 (Tabella nri 10, Ċart nru 3).

Ċart nru 2. L-għadd ta' tfal li jattendu ċ-childcare fl-iskema mingħajr ħlas bil-medja ta' sigħat fil-ġimgħa



Nota: Għal aktar tagħrif dwar il-kalkolu tas-sigħat medji ta' attendenza għal kull tifel u tifla, ara nota nru 8 fil-metodoloġija.

Filgħodu, l-aktar ħin komuni biex it-tfal jitwasslu fiċ-ċentri kien bejn it-08:00 u 08:59 (37.0 fil-mija), filwaqt li waranofsinhar, l-aktar ħin komuni għal-ġbir tat-tfal kien bejn it-15:00 u 15:59 (23.3 fil-mija) (Ċart nru 4).

Ċart nru 3. L-attendenza ta' kull xahar fiċ-ċentri tal-ħarsien tat-tfal fl-iskema mingħajr ħlas: 2025



Ċart nru 4. Il-ħinijiet tat-twassil u l-ġbir tat-tfal fiċ-ċentri tal-ħarsien: 2025



L-Edukazzjoni

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Il-Ħaddiema fl-Edukazzjoni: 2024-2025

L-Istudenti f'Edukazzjoni post-Sekondarja u Terzjarja: 2024-2025

L-Edukazzjoni Formali Ta' Qabel il-Primarja, Primarja u Sekondarja: 2024-2025

It-Tagħlim tal-Ingliż bħala Lsien Barrani: 2025

Il-Gradwati: 2024

Temi Oħra Relatati

Il-Popolazzjoni

Is-Suq tax-Xogħol

L-Istatistika Reġjonali u Ġeopazjali

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

education.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula